Avviz Numru CCT 36/15/GB

**Mary Grace u John Zammit**

**vs**

**Solar Engineering Ltd.**

Illum 20 ta' Mejju 2015

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-13 ta' Frar, 2015 fejn ir-rikorrenti talbu li jiġu awtorizzati li ma jhallsux l-ammont ta' mija u sebghin Ewro (€170.00), rapprezentanti x-xogholijiet li kellhom isiru mis-socjeta' ntimata sabiex jittejjeb is-servizz tal-'PV panels' li nxtraw minghand l-istess socjeta' ntimata.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

L-ilment taghhom huwa dwar il-'PV panels'. Huma kienu ordnawhom minghand is-socjeta' ntimata, fejn it-tekniku tas-socjeta' ntimata kien mar jara l-bejt taghhom u qalilhom li joqodu sew, iżda li riedu jressqu s-'solar water heater' li kien diga' hemm. Ftehemu li jhallsu permezz tal-'BOV scheme' pero' mbaghad is-socjeta' ntimata riedet tithallas permezz ta' flus kontanti. Ir-rikorrenti ghamlu dak kollu li ssuggeriet is-socjeta' ntimata, billi ressqu s-'solar water heater' u hallsuha bi flus kontanti.

Meta twahhlu l-pannelli, fil-bidu kienu tajbin, pero' meta nbidel l-istagun beda jiġi d-dell fuqhom u ma baqawx jahdmu sew. Illi ghalhekk, ir-rikorrenti lmentaw mas-socjeta' ntimata fejn hija qaltilhom li kellhom ihallsu l-ammont ta' mija u sebghin Ewro (€170.00) biex tirranġa

l-pannelli. Meta rega' mar it-tekniku tas-socjeta' ntimata, hu kien qal li l-pannelli ma kienux imwahhlin sew.

Ir-rikorrenti m'humiex lesti li jhallsu l-ammont ta' mija u sebghin Ewro (€170.00), u barra minn hekk huma qed jitilfu l-'units' kuljum minhabba d-dell.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

1. Billi s-socjeta' ntimata hi reġistrata bl-indirizz uffiċjali taghha fil-gzira ta' Ghawdex, il-kaz ghandu jinstema' minn dan it-Tribunal fis-sede tieghu fil-gzira t'Ghawdex;

2. Fil-mertu, it-talba tar-rikorrenti mhux ġustifikata u ghandha tiġi michuda;

3. Fi kwalunkwe kaz, it-talba hi nfondata fid-dritt u fil-fatt u ghandha tiġi michuda bl-ispejjez;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebew żewġ dokumenti, li gew immarkati bhala Dok.MG1 u Dok.MG2; flimkien ma' ritratt, li gie mmarkat bhala Dok.MG3.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata, fix-xhieda guramentata taghha, regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata ezebiet kopja tal-garanzija, li ġiet immarkata bhala Dok.SE1; kopja ta' 'job sheet', li ġiet immarkata bhala Dok.SE2; u kopja ta' stima, li ġiet immarkata bhala Dok.SE3.

It-Tribunal, wara li ra l-Artikolu 16(3) tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn jinghad: "It-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi (Malta) ikollu.........gurisdizzjoni jisma' u jaqta' dwar talbiet li jsiru minn konsumaturi meta n-negozju li dwaru tkun tirreferi t-talba jkun sar f'Malta....", u wara li ra li t-transazzjoni mertu tal-kawza in kwistjoni saret ġewwa Malta, it-Tribunal cahad l-ewwel eċċezzjoni tas-socjeta' ntimata.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u fuq ezaminazzjoni tal-provi prodotti, jikkonkludi illi ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tas-socjeta′ ntimata fis-servizzi taghha lejn ir-rikorrenti konsumaturi. It-Tribunal jinnota illi, nonostante l-principju illi min jallega ghandu jipprova, ma ngabet l-ebda prova da parti tar-rikorrenti rigwardanti l-allegazzjoni taghhom li l-pannelli in kwistjoni kienu difettuzi u/jew ma gewx installati skond

is-sengha u l-arti. Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrenti, fuq nuqqas ta' provi, bl-ispejjez tal-kawza kontra r-rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**